MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR. MIZZI ANTONIO LL.D.

Seduta ta' 25 ta' Ottubru, 2002

Numru 210/1998

Il-Pulizija
(Sp Alexandra Mamo)
vs
Mary Anne Kelly, bint Patrick,
imwielda Mosta fit-12 ta'
novembru, 1954

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata –
talli f'dawn il-Gżejjer, fit-3 ta' settembru, 1996 u fix-xhur ta' qabel, f'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqied b'qerq ieħor, ingann, jew billi write ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal,

tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ b’qerq ta’ aktar minn Lm618.59 għad-dannu ta’ C.T. Enterprises u persuni oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tat-23 ta’ marzu, 1998 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ ottubru, 2002 fejn l-imputata nfurmat il-Qorti illi hi debitriċi tas-soċjeta’ J. Grima & Sons Ltd. fis-somma ta’ Lm353.

Rat il-verbal ta’ l-istess seduta fejn l-imputata ammettiet l-akkuża miġjuba kontra tagħha.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha.  Rat l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannaha għal piena ta’ sena priġunerija iżda wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn mil-lum l-imputata tikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.  Inoltre, rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputata li tħallas is-somma ta’ Lm353 lis-soċjeta’ J. Grima & Sons Ltd. fi żmien sitt xhur mil-lum.